# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru 2019.**

**Numru 16**
**Rikors kostituzzjonali numru 13/2016 JRM**

**Stephen Pirotta**

***v.***

**L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

1. Dan huwa appell tal-attur u appell ieħor tal-konvenuti minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fit-28 ta' Frar 2019 li sabet ksur tal-jedd tal-attur għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni Ewropea] meta ma ngħatax il-jedd li jkellem avukat qabel ma tteħditlu stqarrija mill-pulizija, iżda ma sabitx ksur tal-istess jedd għal smigħ xieraq meta l-attur ma tħalliex jara l-*file* tal-pulizija.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża u l-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »… … … ir-rikorrent talab li din il-qorti (1) ssib li huwa ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") meta (i) huwa ta stqarrija lill-pulizija waqt li kien arrestat bla ma tħalla jkollu l-għajnuna ta' avukat waqt l-arrest u qabel jew matul l-interrogazzjoni mill-pulizija, u (ii) minħabba li ma ngħatalux aċċess għall-*file* tal-pulizija bi ksur tar-*rule of disclosure*; u (2) li tagħti dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi;
>
> »… … …
>
> »Ikkunsidrat:
>
> »illi din hija azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrent jgħid li ġarrab u qiegħed iġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Huwa jgħid li dan l-ilment tiegħu joħroġ mill-fatt li huwa għamel stqarrija mal-pulizija waqt li kien arrestat, bla ma tħalla jkellem avukat tal-fiduċja tiegħu jew ikollu l-għajnuna ta' avukat; u wkoll li, fin-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, ma tħalliex jara l-*file* tal-pulizija u x'tagħrif kellhom dwaru sa dakinhar. Jgħid li dan kollu ġablu ħsara għall-imsemmi jedd tiegħu, minħabba li l-istqarrija li ħalla mal-pulizija kienet il-prova ewlenija li fuqha straħet il-prosekuzzjoni fit-tmexxija tal-każ kontrih u, li kieku ma għamilhiex, il-pulizija lanqas biss kien ikollhom fuqiex iressqu każ kontrih. Jgħid ukoll li dik l-istqarrija nqdew biha kemm il-Qorti Kriminali u kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali biex sabuh ħati tax-xiljiet imressqa kontrih u li, bis-saħħa tagħhom, illum qiegħed iservi piena ta' żmien fil-ħabs;
>
> »illi għal din l-azzjoni [*sc.* il-konvenuti laqgħu] billi qalu li l-kwestjoni tan-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma tolqotx il-jedd imħares taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, ladarba dak l-artikolu jgħodd biss safejn ikun diġà nbeda proċediment quddiem qorti, u għalhekk ma jgħoddx meta persuna tkun għadha ma tressqitx quddiem qorti. Iżidu jgħidu li r-rikorrent ma qajjem qatt il-kwestjoni tas-siwi tal-istqarrija li ta lill-pulizija fl-ebda waqt matul il-proċeduri kriminali u għalhekk mhuwiex sewwa li, wara li ntemm l-istess proċediment bis-sejbien ta' ħtija tiegħu b'sentenza li saret ġudikat, huwa jqajjem ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali bil-ħsieb li jġib fix-xejn l-imsemmija sentenza. Ikomplu jgħidu li l-jedd imħares kemm bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u kif ukoll fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huwa jedd għal smigħ xieraq u mhux jedd għal għajnuna b'avukat, u l-ħarsien ta' tali jedd irid jitqies fil-qafas tal-proċediment kollu u mhux fuq episodji maqtugħa għalihom. Minn dan, jgħaddu biex jgħidu li l-istqarrija li r-rikorrent ta lill-pulizija ma kinitx determinanti fis-sejbien tal-ħtija tiegħu mill-Qorti Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali u dik l-istqarrija ma nkisbitx bis-saħħa ta' tehdid jew vjolenza u lanqas saret kontra r-rieda tal-istess rikorrent. Itemmu

jgħidu li, f'każ li din il-qorti kellha ssib favur it-talba tar-rikorrent, ma huwiex xieraq li dan iwassal għat-tħassir tas-sentenzi li bihom ir-rikorrent instab ħati, għaliex b'hekk il-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali jinbidel f'sanzjoni tad-delinkwenza u l-kriminalità b'tehdida għas-soċjetà;

»illi bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti li l-qorti għandha quddiemha, jirriżulta li fis-sigħat bikrin tat-28 ta' Settembru, 2005, ir-rikorrent kien imdaħħal f'inċident bil-karozzi li ġara fi Triq l-Imdina, f'Ħal Qormi u li fih wieħed David Azzopardi ndarab b'daqqiet ta' strument li jaqta';

»illi l-pulizija żammew lir-rikorrent għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' filgħodu, ftit wara li seħħ l-inċident. Mid-dar fejn sabuh ħadu xi skieken u elevaw ukoll il-karozza li kienet reġistrata f'ismu u li kienet wieqfa quddiem il-binja fejn jgħix;

»illi dakinhar għall-ħabta tat-15.20 ir-rikorrent ta stqarrija lill-pulizija fejn stqarr li hu kien imdaħħal fl-inċident fuq imsemmi u għażel li jiffirmaha. Fl-ebda waqt ma kien mgħejjun minn avukat;

»illi dakinhar ukoll, waqt li r-rikorrent kien għadu miżmum mill-pulizija fil-*lock-up* fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, ittieħdu xi ritratti u xi kampjuni mingħandu u l-marki tas-swaba', u kif ukoll sar eżami fuq il-karozza tar-rikorrent li kienet elevata mill-pulizija minn quddiem daru l-lejl ta' qabel;

»illi l-għada, id-29 ta' Settembru, 2005, ir-rikorrent tressaq b'arrest mill-pulizija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, u kien mixli bl-attentat ta' qtil tal-imsemmi David Azzopardi; talli ikkawża ferita gravi fuq il-persuna ta' Azzopardi bi strument li jaqta' f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem tiegħu; talli kien qiegħed iġorr fuqu arma regolari bla ma kellu l-liċenza mill-Kummissarju tal-Pulizija; talli ħebb għall-persuna ta' Azzopardi bil-ħsieb li jidorbu, idejqu jew jagħmillu ħsara; li saq karozza b'mod traskurat; li kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika; u wkoll li kiser ordni taħt l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta mogħti b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura fit-18 ta' Lulju, 2005, u li kienet saret ġudikat;

»illi dakinhar li tressaq, ir-rikorrent wieġeb li ma kienx ħati, imma l-Qorti tal-Maġistrati ma laqgħetx it-talba tiegħu li jingħata l-ħelsien mill-arrest;

»illi wara li r-rikorrent ressaq talba għall-ħelsien mill-arrest b'rikors ieħor tiegħu tat-13 ta' Ottubru, 2005, il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba b'degriet tal-14 ta' Ottubru, 2005, u tatu l-libertà provviżorja taħt il-kundizzjonijiet hemm imfissra;

»illi b'degriet tas-6 ta' Ottubru, 2006, u wara li saritilha talba mill-prosekuzzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati awtorizzat it-teħid ta' kampjun tad-demm mingħand David Azzopardi, ħalli jkun jista' jsir tqabbil ma' xi tiċpis ta' dmija li nstabu fuq ħwejjeġ marbuta mal-każ;

»illi fl-10 ta' Settembru, 2007, l-intimat Avukat Ġenerali ħareġ l-att tal-akkuża fil-konfront tar-rikorrent b'ħames (5) kapi ta' akkuża u biż-żieda tal-addebitu li kiser kundizzjoni imposta fuqu b'sentenza fiż-żmien operattiv tagħha. Il-Qorti Kriminali appuntat il-każ għas-smigħ tas-27 ta' Ottubru, 2008, f'liema smigħ l-avukat difensur tar-rikorrent għarraf lil dik il-qorti li l-każ kien ser ikun kontestat quddiem ġûri;

»illi l-ġûri dwar l-akkużi mressqa kontra r-rikorrent beda jinstema' mill-Qorti Kriminali fit-22 ta' Frar, 2010. Fl-ewwel smigħ, il-prosekuzzjoni talbet li titqassam lill-ġurati kopja tal-istqarrija li r-rikorrent kien ta lill-pulizija u d-difiża ma opponietx;

»illi b'verdett milħuq mill-ġurija fit-23 ta' Frar, 2010, ir-rikorrent instab ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-ħames kapi tal-att tal-akkuża, u kif ukoll tal-addebitu tal-ksur tal-kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali f'Mejju tal-2005;

»illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminal fl-24 ta' Frar, 2010 u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ir-rikorrent ingħata piena ta' tmintax-il (18) sena ħabs u l-iskwalifika għal żmien ta' tliet (3) xhur milli jsuq u ordnatlu biex iħallas il-perizji;

»illi r-rikorrent appella mill-imsemmija sentenza fis-17 ta' Marzu, 2010, billi talab ir-riforma tas-sentenza billi tħassarha f'dak li jirrigwarda l-ewwel kap tal-akkuża u tikkonfermaha fil-bqija jew, alternattivament, tvarjaha f'dik il-parti li tikkonċerna l-piena erogata;

»illi fit-12 ta' Ottubru, 2011, ir-rikorrent ressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali biex jirreferi għall-fatt li l-istqarrija li huwa kien ta lill-pulizija kien għamilha bla ma kien imħolli jkun mgħejjun minn avukat u talab li dik il-qorti – fid-dawl tal-effetti li qagħda bħal dik seta' kellha fuq il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq – tagħti d-direttivi li jidhrilha xierqa u meħtieġa. B'degriet mogħti fit-2 ta' Novembru, 2011, il-qorti irriżervat li tipprovdi dwar it-talba wara li tisma' lill-partijiet fl-ewwel smigħ tal-appell;

»illi l-appell tqiegħed għas-smigħ għat-30 ta' Mejju, 2013, u dakinhar saret it-trattazzjoni. Madankollu, minn qari tat-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet, ma jidhirx li reġgħet tqajmet il-kwestjoni tat-talba magħmula mir-rikorrent appellant fir-rikors tiegħu tat-12 ta' Ottubru, 2011;

»illi b'sentenza mogħtija fid-29 ta' Ottubru, 2015, il-Qorti tal-Appell Kriminali, għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, ċaħdet l-appell imressaq mir-rikorrent u ikkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali;

»illi fit-2 ta' Frar, 2016, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

»illi għal dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbuta mal-każ huwa ċar li r-rikorrent isejjes l-ilment tiegħu ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq fuq il-fatt li huwa kien ta lill-pulizija stqarrija meta kien miżmum taħt arrest fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u li din l-istqarrija taha bla ma kien mgħejjun minn avukat u għaliex, dak iż-żmien, il-liġi ma kinitx tipprovdi li persuna arrestata setgħet titlob l-għajnuna ta' avukat. Fil-każ partikolari tar-rikorrent, dik l-istqarrija ntużat fil-proċeduri meħuda kontrih quddiem il-qrati ta' kompetenza kriminali, u b'riħet dawk il-proċeduri huwa nstab ħati tal-akkużi li kien mixli bihom b'sentenzi li llum saru ġudikat u llum qiegħed iservi sentenza ta' ħabs effettiv;

»illi l-qorti tirrileva li, mill-atti mressqa quddiemha (magħduda dawk relattivi għall-proċeduri kriminali mnedija kontra r-rikorrent), il-kwestjoni dwar is-siwi tal-istqarrija u l-effetti tagħha fuq il-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq kienet tqajmet l-ewwel darba minnu wara li kien appella mis-sentenza tal-Qorti Kriminali u qabel ma kien trattat l-istess appell.

Madankollu, minkejja li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet iddekretat li sejra tqis il-kwestjoni wara li tisma' x'kellhom x'jgħidu l-partijiet waqt it-trattazzjoni, ma reġa' ssemma xejn u lanqas il-Qorti tal-Appell Kriminali baqgħet ma tat provvediment fuq ir-rikors li kien ressaq ir-rikorrent appellant f'Ottubru tal-2011. Dan qiegħed jingħad biex jindirizza dik il-parti mit-tweġiba tal-intimati li fiha jmaqdru lir-rikorrent talli ħalla l-proċess kriminali jintemm qabel ma qanqal il-kwestjoni, meta kollox juri li dan mhuwiex il-każ;

»illi għal dak li jirrigwarda l-ilment tal-ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, diġà ngħad li dan l-ilment jinġabar taħt żewġ aspett li qegħdin jissemmew kif ġej: (i) minħabba li huwa għamel stqarrija mal-pulizija waqt li kien arrestat, bla ma tħalla jkellem avukat tal-fiduċja tiegħu jew ikollu l-għajnuna tiegħu; u (ii) li, fin-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, ma tħalliex jara l-*file* tal-pulizija u x'tagħrif kellhom dwaru sa dakinhar li ħalla l-istqarrija;

»illi l-qorti għalhekk sejra l-ewwel tistħarreġ il-kwestjoni tal-għemil tal-istqarrija mir-rikorrent bla ma tħalla jkellem avukat tal-għażla tiegħu;

»illi f'dan ir-rigward ir-rikorrent jissottometti li l-fatt li hu ċċaħħad milli seta' jkellem avukat matul il-ħin kollu minn x'ħin kien arrestat sa ma ta l-istqarrija tiegħu lill-pulizija, jikkostitwixxi minnu nnifsu ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Ladarbam dak iż-żmien, il-liġi ma kinitx tagħti li persuna arrestata setgħet titlob li tkun mgħejjuna minn avukat, dan ukoll ġablu ksur li ma jissewwiex ta' dak il-jedd. Jgħid li dan il-ksur sar attwali hekk kif tressaq quddiem il-qorti mixli b'għadd ta' reati u l-imsemmija stqarrija ddaħħlet fl-atti tal-kumpilazzjoni. Jisħaq li l-istqarrija tiegħu kienet prova ewlenija li fuqha l-pulizija setgħu jmexxu l-każ tiegħu u li mingħajrha x'aktarx ma kien jinqabad qatt u ma jkun qatt magħruf min seta' wettaq ir-reat. Jgħid li, jekk huwa minnu li fl-istqarrija stqarr għemilu u ammetta ħtijietu, dan sar kollu fil-qafas ta' sitwazzjoni li kienet minnha nnifisa tiksirlu l-jedd tiegħu fundamentali u għalhekk ittebba' f'kollox u b'mod irriversibbli stqarrija bħal dik. Dan jgħodd minkejja li setgħet ingħatatlu t-twissija dwar dak li seta' jgħid u minkejja li ma ntużat l-ebda vjolenza fuqu waqt li kien qiegħed jagħtiha;

»illi, min-naħa tagħhom, l-intimati iwarrbu dawn l-argumenti billi jgħidu li, minkejja li llum huwa stabbilit li l-għajnuna ta' avukat hija meħtieġa għall-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq ukoll fi stadju tal-inter-rogazzjoni, dan ma jfissirx li dak in-nuqqas kien se' jtebba' l-proċess kollu li jsir wara dik il-fażi. B'mod partikolari, jisħqu li, matul il-proċediment kollu quddiem il-qrati ta' kompetenza kriminali, il-linja ewlenija ta' difiża tar-rikorrent kienet dwar jekk kellux il-ħsieb li joqtol jew inkella biss li jidrob lil David Azzopardi, u mhux li hu ma kienx fuq il-post meta seħħ l-inċident. L-intimati jgħidu li din iċ-ċirkostanza xxejjen għal kollox kull irregolarità li setgħet twettqet meta l-istqarrija tiegħu ittieħdet bla ma hu kien tħalla jkellem avukat u jitlob il-parir tiegħu. Iżidu jgħidu li, biex nuqqas bħal dak iwassal biex iġib fix-xejn il-proċess kriminali kollu, trid tkun ċirkostanza hekk serja li l-proċess ma jkunx wieħed skond il-ħaqq u li l-eżitu finali kien jew seta' jkun differenti. Jgħidu wkoll li nuqqas bħal dak irid jittieħed fil-qafas tal-proċediment kriminali kollu, l-aktar fejn, bħal f'dan il-każ, dak il-proċediment intemm bl-għoti ta' sentenzi li għaddew f'ġudikat;

»illi mbagħad huma jżidu jgħidu li, mis-sentenzi mogħtija kemm mill-Qorti Kriminali u kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, is-sejbien tal-ħtija fir-rikorrent ma kienx imsejjes fuq dak li qal fl-istqarrija, imma minn provi oħra li ressqet il-prosekuzzjoni waqt is-smigħ tal-każ. Dan jgħiduh biex iwaqqgħu l-argument tar-rikorrent li r-raġuni li għaliha nstab ħati kienet li l-istqarrija kienet il-prova ewlenija tal-prosekuzzjoni;

»illi l-qorti tirrileva u tħossha fid-dmir li tisħaq li r-rikorrent ma ġiex identifikat b'rabta mar-reat għax ta l-istqarrija tiegħu lill-pulizija, iżda huwa ta l-istqarrija tiegħu wara li kien diġà ġie identifikat bħala persuna suspettata minn ċirkostanzi fattwali oħrajn li wasslu għall-arrest tiegħu u li setgħu raġonevolment jorbtuh ma' dak li ġara. Bla ma tnaqqas xejn miċ-ċirkostanza taċ-ċaħda ta' għajnuna minn avukat fil-ħin li kien arrestat u interrogat, il-qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tar-rikorrent li, mingħajr dak li jingħad fl-istqarrija, il-pulizija ma kienx ikollha każ kontrih u ma tidhirx li wieħed jista' fis-sewwa joqgħod fuqha. Tassew li l-pulizija kien ikollha każ iżjed iebes x'tipprova kontrih, imma b'daqshekk ma jistax jingħad li ma kellhiex provi oħrajn tajba biex setgħet issostni x-xiljiet tagħha kontrih;

»Ili dan l-ilment tar-rikorrent jissejjes kemm fuq dak li jipprovdi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni;

l»ili għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, għandu jingħad li, fil-partijiet tiegħu rilevanti għal dan il-każ, dak l-artikolu jipprovdi li:

> »"(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.
>
> »"… … …
>
> »"(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati: Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.
>
> »"(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –
>
> »"… … …
>
> »"(*ċ*) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;
>
> »"… … …
>
> »"(10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha";

»illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qiegħda tinstama' minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-

għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Għalhekk, tqies li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja;

»illi fid-dawl taċ-ċirkostanzi li fuqhom ir-rikorrent jibni l-każ tiegħu tal-lum, għandu joħroġ ċar li dawn jirreferu għal qagħda li kienet teżisti qabel ma r-rikorrent kien għadu mqar tressaq quddiem qorti biex iwieġeb għall-akkużi magħmula kontrih. F'każ bħal dak, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jkunux għadhom bdew jgħoddu. Madankollu, wieħed jista' jgħid li, bħala fatt, il-pulizija nqdiet bl-istqarrija wara li ressqet lir-rikorrent quddiem il-Qorti Istruttorja u l-fatt li dik l-istqarrija ntużat kemm fil-ġûri u kif ukoll tqieset mill-Qorti tal-Appell Kriminali jġib li ma jistax jibqa' jingħad li dawn iċ-ċirkostanzi jaqgħu 'l barra mit-tħaddim tad-dispożizzjonijiet relattivi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Għalhekk, lil hinn mis-siwi probatorju li l-istqarrija tar-rikorrent seta' kellha, il-fatt waħdu li din ittieħdet kif ittieħdet u li baqgħet tagħmel parti mill-atti tal-att tal-akkuża iwassal għat-tħaddim tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

»illi minħabba f'hekk il-qorti ssib li l-fatt li l-istqarrija li ta r-rikorrent intużat matul il-proċess kriminali mniedi kontrih ġabitlu ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu msemmi tal-Kostituzzjoni;

»illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, fil-partijiet rilevanti tiegħu għal dan il-każ, dan jipprovdi li:

> »"(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. … … …;
>
> »"(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skond il-liġi;
>
> (3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin ... (ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk";

»illi normalment l-imsemmi artikolu jinqara flimkien mal-artikolu 6(1) tal-istess lonvenzjoni. Dan jingħad għaliex "*the specific enumeration in the third paragraph for criminal proceedings does not imply that an examination for compatibility with the third paragraph makes an examination for compatibility with the first paragraph superfluous, since the guarantees contained in the third paragraph of Article 6 are constituent elements, inter alia, of the general notion of a fair trial. The enumeration of the third paragraph is not limitative in that respect, and it is therefore possible that, although the guarantees mentioned there have been satisfied, the trial as a whole still does not satisfy the requirements of a fair trial*"[1];

---

1 »Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights* (*4th Edit*, *2006*), § 10.10.1 f'paġ. 631.«

»illi f'dan ir-rigward, għalhekk, jidher ċar li l-applikabilità tal-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija usa' minn dik mogħtija għall-istess jedd taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan ukoll għaliex l-effetti tal-artikolu tal-Konvenzjoni jistgħu jiddaħħlu fis-seħħ dwar stħarriġ ta' lment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq sa minn qabel ma l-każ jitressaq għal smigħ quddiem qorti, jekk kemm-il darba jintwera li l-proċediment x'aktarx ikun serjament kompromess b'xi nuqqas ta' tħaris fi stadju bikri ta' xi wieħed mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu;

»illi llum il-ġurnata jidher li ma għad fadal l-ebda dubju li, għall-finijiet tal-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni, l-jedd li wieħed ikun mgħejjun minn avukat magħżul minnu nnifsu jew imqabbad għalih b'xejn meta ma jkollux minn fejn iħallas avukat, jibda jgħodd sa minn qabel is-smigħ proprju tal-każ kriminali. Jidher li din it-tifsira ħarġet mill-fatt li ladarba l-ħarsien tal-jedd ta' smigħ xieraq fejn jidħol it-tul taż-żmien ta' kawża taħt l-artikolu 6(1) jgħodd f'kull stadju tal-proċediment, ma jistax jonqos li l-istess firxa tal-artikolu 6 ma tkunx tgħodd ukoll għal dawk il-garanziji minimi li l-persuna suġġetta għall-proċediment kriminali għandha jedd tgawdi taħt is-sub-artikolu (3) tal-imsemmi artikolu. Jidher li l-jedd li persuna tkun mgħejjuna minn avukat imqar waqt il-fażi tal-interrogazzjoni huwa b'rispett għad-dritt li l-ebda persuna ma għandha titħalla jew tkun imġiegħla tinkrimina lilha nnifisha;

»illi maż-żmien it-tħaddim mogħti lil dan is-sub-artikolu fejn jidħol il-jedd ta' għajnuna ta' avukat ukoll fil-waqt li l-persuna tkun għadha miżmuma mqar b'suspett ta' twettiq ta' reat jew waqt l-istħarriġ tal-istess reat, u qabel ma jkunu nħarġu kontra tagħha akkużi speċifiċi, twessa' biex jinkludi l-waqt fejn dik il-persuna tkun intalbet u tkun tat stqarrija lill-pulizija u dan biex jingħata ħarsien "prattiku u effettiv" lill-imsemmi jedd. Dan il-jedd tal-preżenza ta' avukat sa minn dak il-waqt bikri tal-"proċediment" ma jistax jiċċaħħad jekk mhux għal "raġunijiet tajbin" jew jekk il-persuna suspettata nnifisha tirrifjuta li tkun mgħejjuna minn avukat. F'dan ir-rigward ingħad li "*neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial, as long as a waiver of the right is given in an unequivocal manner and was attended by the minimum safeguards commensurate to its importance*"[2];

»illi, fin-nuqqas ta' rinunzja bħal din, jaqa' fuq l-awtorità pubblika li turi kemm li kien hemm raġuni tajba biex iċċaħħad lil persuna milli tkun mgħejjuna minn avukat u kif ukoll li dik il-persuna tassew u mingħajr theddid irrinunzjat għal dak il-jedd. Din il-kwestjoni wkoll kienet mistħarrġa b'reqqa mill-ogħla qorti tagħna u din il-qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn terġa' toqgħod ittenni dak li ingħad minn dik il-qorti aktar milli tirreferi għas-sentenza relattiva[3];

»illi jidher li fejn – bħalma kienet il-qagħda f'Malta fiż-żmien rilevanti għall-każ tar-rikorrent – il-liġi ma kinitx tagħti lil persuna miżmuma jew interrogata mill-pulizija li tikkonsulta ma' jew tkun mgħejjuna minn avukat tal-fiduċja tagħha, qabel ma tħalli stqarrija, kienet biżżejjed biex

---

2 »Q.E.D.B. 15.9.2011 fil-kawża fl-ismijiet Paskal *v.* Ukrajina (Applik. nru 24652/04) § 76.«

3 »Kost. 2.3.2018 fil-kawża fl-ismijiet Dominic Camilleri *v.* Avukat Ġenerali.«

twassal għal sejbien ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Minbarra dan, jidher ukoll li dawk il-prinċipji jgħoddu wkoll fejn il-proċediment kriminali ma jkunx għadu ntemm (għalkemm, f'dak il-każ, jridu jidħlu kunsiderazzjonijiet oħrajn marbuta mar-rimedjabilità tempestiva tal-użu li jista' jew ma jistax isir minn stqarrija mogħtija f'ċirkostanzi bħal dawk). F'dak ir-rigward il-fatt waħdu li fl-imsemmi proċediment intużat l-istqarrija li r-rikorrent kien ta lill-pulizija bla ma kien ingħata l-opportunità li jikkonsulta ma' avukat tal-għażla tiegħu taf iġġib magħha s-sejbien awtomatiku tal-jedd tar-rikorrent dwar smigħ xieraq bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni jekk kemm-il darba dik l-istqarrija tintuża fil-proċediment bħala prova kontra min għamilha;

»illi, fil-fehma ta' din il-qorti, dan jgħodd aktar fejn il-proċediment ikun intemm bis-sejbien tal-ħtija tal-persuna li tkun għamlet stqarrija bħal dik u tali stqarrija tkun intużat fil-proċediment meħud;

»illi ma jirriżultax li, fil-każ tar-rikorrent, kien hemm xi raġunijiet hekk serji u partikolari (li l-Q.E.D.B. tiġborhom taħt il-kliem '*compelling reasons*') li kellhom iċaħħduh milli jkun mgħejjun minn avukat waqt li kien interrogat u waqt li kien qiegħed jagħti l-istqarrija tiegħu. Ir-raġuni waħdanija li dan ma sarx jidher li kienet li, dak iż-żmien, il-liġi ma kinitx tħalli li persuna fil-qagħda tar-rikorrent setgħet titlob dik l-għajnuna. Ladarba huwa hekk, jiġi li dik iċ-ċaħda u dak in-nuqqas fil-liġi (li, fis-sewwa, jrid jingħad li sa dak iż-żmien kienet għaddiet mill-Parlament iżda li baqgħet għal żmien ma nġabitx fis-seħħ) iwasslu biex ikollu jinstab li kien hemm ksur tal-jedd kif imħares taħt dan is-sub-inċiż partikolari tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni talli dik l-istqarrija li ta r-rikorrent iddaħħlet fl-inkartament tal-proċess imniedi kontrih u ntużat attivament mill-qorti li kienet qiegħda tisma' l-każ;

»illi l-qorti tgħid dan filwaqt li, fl-ewwel lok, tinnota li kien ir-rikorrent innifsu, waqt is-smigħ tal-ġûri (u permezz tal-avukat difensur tiegħu), li ma oġġezzjona bl-ebda mod għat-talba tal-prosekuzzjoni li lill-ġurati titqassmilhom kopja tal-istqarrija tiegħu, u dan fi żmien meta l-ġurisprudenza tal-Q.E.D.B. fil-każ ta' <u>Salduz *v.* it-Turkija</u> u r-riper-kussjonijiet fuq stqarrija meħuda f'dawk iċ-ċirkostanzi kienet magħrufa. Fit-tieni lok, il-qorti żżid tqis ukoll li, matul il-mixja kollha tal-proċeduri kriminali mnedija kontrih, ir-rikorrent qatt ma qajjem id-difiża li huwa ma kienx fuq il-post meta nqala' l-inċident ma' David Azzopardi, imma biss li ma kellux l-intenzjoni li joqtol lil Azzopardi. Din il-ħaġa baqa' jtenniha wkoll fix-xiehda li huwa ta quddiem din il-qorti fi Frar tal-2017. Fit-tielet lok, hemm ukoll iċ-ċirkostanza li lanqas fir-rikors tal-appell tiegħu ma talab it-tħassir tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali, imma biss ir-riforma tagħha bit-tħassir biss tas-sejbien tiegħu ta' ħtija taħt l-ewwel kap tal-akkuża u saħansitra l-konferma tas-sejbien tal-ħtija taħt il-kapi l-oħrajn tal-att tal-akkuża jew, alternattivament, it-tnaqqis tal-piena inflitta. Fir-raba' lok, dan baqa' jistenna sa dakinhar li saret it-trattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali f'Mejju tal-2013, u dan minkejja li, sa minn madwar sentejn qabel, kien ressaq rikors dwar il-preġudizzjali tas-siwi tal-istqarrija tiegħu quddiem dik l-istess qorti. Fil-ħames lok, il-prosekuzzjoni ressqet provi oħrajn, minbarra l-istqarrija tar-rikorent li, fuq is-saħħa tagħhom, kemm il-ġurati fil-ġûri u kif ukoll il-qrati setgħu jaslu raġonevolment għas-sejbien ta' ħtija tar-rikorrent. Fis-sitt lok, minn dakinhar li tressaq

quddiem qorti l-ewwel darba 'l quddiem, ir-rikorrent kien mgħejjun minn avukati tal-għażla tiegħu;

»illi għar-rigward tal-kwestjoni li ma tħalliex ikun jaf x'kellha dwaru l-pulizija fil-*file* tagħha, ir-rikorrent iqis li dan il-ksur tal-istess jedd tiegħu għal smigħ xieraq seħħ biċ-ċaħda li jitħalla jikkonsulta ma' avukat waqt li kien qiegħed ikun interrogat. Hu jgħid li, minħabba din iċ-ċaħda, ma setax ikun jaf x'tagħrif kellha dwaru l-pulizija u kif dak it-tagħrif seta' jżomm il-bilanċ li trid il-liġi bejn il-jeddijiet tiegħu u dawk ta' min kien qiegħed jistħarrġu u jinterrogah. Iqis li, minħabba f'hekk, inkisret ir-regola tal-ekwità li trid li kull parti jkollha l-istess trattament f'kull proċediment ('*equality of arms*'). F'dan ir-rigward, huwa jsemmi x'jgħidu xi awturi dwar ċirkostanza bħal din u kif l-istess Kodiċi Kriminali llum daħħal din ir-regola fl-ittra bi drittijiet li għandha tingħata lil kull min ikun arrestat[4];

»illi, min-naħa l-oħra, l-intimati jwarrbu dan l-ilment tar-rikorrent billi jgħidu li fl-ebda waqt ma talab li jara l-*file* biex ikun jista' jikkontesta l-legalità tal-arrest tiegħu jew biex ikun jaf b'liema għemil il-pulizija kienet qiegħda tixlih. Huma jżidu jgħidu li r-rikorrent lanqas ta l-iċken ħjiel ta' liema provi jqis li l-pulizija ċaħħditu minnhom biex ikun jaf l-affarijiet sewwa u jisħqu li kulma l-pulizija kellha dwaru ressqitu fl-atti tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Inkwirenti. Jekk il-pulizija żżomm għaliha dak it-tagħrif, dan ma jista' jkun qatt ta' ħsara għall-persuna mixlija jekk dak it-tagħrif ma jkunx jagħmel parti mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni. Huwa minn dak il-waqt 'il quddiem li jqum l-element tal-*equality of arms* billi mbagħad il-prosekuzzjoni tkun trid turi l-provi li għandha u tagħti lill-parti mixlija u lid-difiża tagħha l-opportunità li tirribatti dawk il-provi. Itemmu jgħidu li, fil-każ tar-rikorrent, kulma kellha ġġib 'il quddiem il-prosekuzzjoni tqiegħed fl-atti u kemm ir-rikorrent u kif ukoll l-avukati li qabbad kienu jafu x'hemm u setgħu bla xkiel iħejju d-difiża xierqa dwarhom;

»illi l-qorti tagħraf li dak li jilminta minnu r-rikorrent f'dan ir-rigward ma kienx hemm dwaru xi dispożizzjoni tal-liġi fis-seħħ meta ġara l-każ tiegħu bħalma wieħed isib fil-liġi llum. Madankollu, ilu żmien magħruf li l-jedd ta' aċċess għal tagħrif li jista' jxejjen jew idgħajjef il-ħtija tal-persuna mixlija jimxi id f'id mal-jeddijiet imħarsin taħt l-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni. Minħabba f'hekk jingħad li "*In principle, fairness requires adequate disclosure to the defence, prior to the trial and in sufficient time to enable its effective use in preparing the defence, of any material capable of assisting the defence. In some cases, such as those involving national security issues, an exception to the general rules about the disclosure of evidence is allowed on public interest grounds. One recognized procedure is for the trial judge to examine the sensitive evidence ex parte so as to rule on whether the public interest in secrecy outweighs the value of the material to the defendant*"[5]. Minn dan jidher li dan l-aċċess għandu jiċċaħħad biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali;

»illi madankollu l-qorti tqis li l-imsemmija regola tgħodd fil-qafas ta' proċedura mnedija quddiem qorti. Dan jidher li huwa l-każ jekk wieħed

---

4 »Ara Skeda "E", Taqsima I tal-Kap 9 .«

5 »W A Schabas *The European Convention on Human Rights – A Commentary* (OUP 2015) pġ. 310 .«

jara t-taqsima "E" tal-ittra bi drittijiet li, għar-rigward tal-aċċess għad-dokumenti, tagħraf bejn l-istadju li bniedem ikun inżamm b'arrest (f'liema każ, l-aċċess ikun għal dawk id-dokumenti meħtieġa għall-kontestazzjoni tal-arrest jew detenzjoni) u dak fejn il-każ ikun tressaq quddiem qorti (f'liema każ l-aċċess huwa dwar kull prova materjali favur jew kontra l-akkużat);

»illi r-rikorrent ma fissirx kif in-nuqqas ta' aċċess għal dokumenti li seta' kellha f'idejha l-pulizija fil-waqt li kienet qiegħda tinterrogah ġablu ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Min-naħa l-oħra, il-qorti tqis li sa sitta u tletin (36) siegħa wara li kien arrestat, ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti Inkwirenti u l-provi kollha li ressqet il-pulizija dwar il-każ kienu jinsabu fl-atti tal-kumpilazzjoni u għad-dispożizzjoni sħiħa tiegħu u tal-avukati li qabbad. Mill-provi mressqa, jidher probabbli wkoll li, sa dak il-ħin li ta l-istqarrija, il-pulizija ma kienx seta' kellha wisq tagħrif jew provi oħrajn dwar ir-rikorrent, meta wieħed iqis li l-arrest tiegħu seħħ imqar sagħtejn wara l-inċident u huwa kien tressaq quddiem il-qorti l-għada, wara li kien ilu madwar erbgħa u għoxrin (24) siegħa li ta l-istqarrija tiegħu;

»illi dan jingħad lil hinn mill-fatt li, biex wieħed iqis jekk iċ-ċaħda għall-aċċess ta' dokumentazzjoni ġabitx magħha ksur tal-jedd għal smigħ xieraq ta' dak li jkun, irid jitqies fid-dawl tal-proċediment kollu li jkun u mhux biss b'riferenza għal episodju wieħed maqtugħ għalih;

»illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-qorti ma ssibx li r-rikorrent wera tajjeb biżżejjed li ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt din il-kawżali;

»illi, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha li saru dwar dawn il-kawżali, il-qorti sejra tilqa' l-ewwel talba safejn din trid li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq minħabba li ta stqarrija bla ma kien imħolli jkollu l-għajnuna ta' avukat u fil-preżenza tiegħu, imma tiċħad l-istess talba għall-bqija;

»lli jifdal li l-qorti tqis it-tieni talba attriċi li titlob l-għoti tar-rimedju li jixraq jingħata lir-rikorrenti minħabba l-ksur imġarrab. Kif intwera qabel, il-proċeduri kriminali meħuda kontra r-rikorrent intemmu b'sejbien ta' ħtija u bl-għoti ta' piena effettiva ta' ħabs, wara proċedura fi grad ta' appell. Dan ifisser ukoll li, fil-qies tar-rimedju li jixraq jingħata, il-qorti trid tħares lejn il-proċeduri kriminali fit-totalità tagħhom;

»illi fit-tieni talba tiegħu r-rikorrent jitlob li din il-qorti takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xerqa fiċ-ċirkostanzi inkluż billi jerġa' jinstema' l-każ mill-ġdid. Fis-sottomissjonijiet tiegħu huwa jgħid li f'każ bħal tiegħu l-aħjar rimedju jkun li huwa jerġa' jitqiegħed fil-pożizzjoni li kien ikun li kieku l-jedd fundamentali tiegħu ma kienx miksur, u dan minħabba li l-ksur minnu mġarrab darab tabilfors is-siwi ta' proċediment kollu meħud kontrih fil-qrati ta' kompetenza kriminali. Huwa jsemmi xi deċiżjonijiet tal-Q.E.D.B. biex isaħħaħ din is-sottomissjoni tiegħu;

»illi, min-naħa tagħhom, l-intimati jgħidu li jekk kemm-il darba din il-qorti sejra tasal biex tagħti lir-rikorrent xi rimedju, żgur ma għandux ikun fis-sura tat-tħassir tas-sentenzi mogħtija mill-Qorti Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali, billi dan ma jkunx wieħed proporzjonat mal-ksur imġarrab. Iqisu li dikjarazzjoni ta' ksur jew l-għoti ta' kumpens ikun, jekk din il-qorti tasal sa daqshekk, rimedju xieraq;

»illi l-qorti tagħraf li s-setgħat ta' rimedju li l-liġi tagħtiha f'każ li ssib li seħħ ksur ta' xi jedd fundamentali huma wesgħin u maħsuba biex ixejnu tali ksur jew, jekk dan ma jistax isir, li jpattu għalih b'mod li l-integrità tal-persuna titreġġa' kemm jista' jkun għal dak li kienet qabel seħħ il-ksur. F'każijiet ta' lmenti dwar ksur tal-jedd għal smigħ xieraq wara li l-proċediment ikun intemm b'sentenza li saret ġudikat, ir-rimedji li l-qrati taw ma kinux tabilfors jikkonsistu fit-tħassir tas-sentenza li tkun temmet il-proċess li matulu xi parti tkun ġarrbet ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq. Dan jgħodd ukoll fejn qorti tkun sabet ksur tal-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni meta persuna tkun tat stqarrija lill-Pulizija bla ma kienet mgħejjuna minn avukat, u dan sakemm ir-rimedju jkun wieħed xieraq u "proporzjonat għad-dimensjoni tal-leżjoni";

»illi f'dan ir-rigward il-qorti tirreferi għas-sitt kunsiderazzjonijiet li hija għamlet wara li sabet li r-rikorrent kien ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, liema kunsiderazzjonijiet saru b'riferenza għal aspetti li joħorġu mill-mod tas-sehem tiegħu fil-proċeduri quddiem il-qrati ta' kompetenza kriminali. Din il-qorti hija tal-fehma li, meta parti f'kawża tonqos li tħares il-jedd tagħha għal smigħ xieraq meta l-liġi kienet tagħtiha rimedju, ma jkunx sewwa li mbagħad, wara li dik il-kawża tintemm, tirrikorri għar-rimedju "kostituzzjonali" biex tipprova tħassar l-effetti ta' dik il-kawża;

»illi wara li l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza, ir-rikorrent ressaq mota b'riferenza għal sentenza mogħtija m'ilux mill-Qorti Kostituzzjon-ali dwar kawża ta' lment ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq fuq stqarrija li kienet ittieħdet bla ma l-persuna konċernata kienet imħollija jkollha avukat jgħinha f'dak il-ħin[6]. Ir-rikorrent jgħid li ċ-ċrkostanzi ta' dik is-sentenza jittrattaw mertu li jixbah lil dak fil-kawża tal-lum. F'dik is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali ħassret is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, minkejja li l-akkużat (rikorrent) kien ammetta l-ħtija tiegħu quddiem dik il-qorti;

»illi l-qorti ma taqbilx mar-rikorrent li ċ-ċirkostanzi f'dik il-kawża jixbhu lil dawk f'din li għandha quddiemha llum. Fl-ewwel lok, il-proċeduri kriminali f'dik il-kawża ma kinux intemmu, bħalma huwa l-każ tallum. Fit-tieni lok, f'dik il-kawża l-akkużat kien ammetta l-ħtija tiegħu, ħaġa li r-rikorrent fil-kawża kriminali tiegħu ma kien għamel qatt. Fit-tielet lok, f'dik il-kawża l-istqarrija kienet il-prova waħdanija li minħabba fiha l-akkużat kien ammetta l-ħtija tiegħu, filwaqt li f'din il-kawża l-istqarrija ma kinitx il-prova waħdanija li fuqha l-ġurati u l-Qorti tal-Appell Kriminali sabu l-ħtija fir-rikorrent;

»illi, wara li qieset dawn il-ħwejjeġ kollha, il-qorti jidhrilha li r-rimedju xieraq li jistħoqq lir-rikorrent għall-ksur imġarrab minħabba li ta l-istqarrija tiegħu bla ma kien mgħejjun minn avukat għandu jkun il-ħlas ta' kumpens non-pekunjarju. Il-qorti qiegħda tillikwida s-somma ta' tlitt elef euro (€ 3,000) bħala kumpens għall-finijiet tat-tieni talba tiegħu;

»illi, fl-aħħarnett, il-qorti tirreferi għal rikors ieħor li r-rikorrent kien ressaq fit-23 ta' Novembru, 2017, wara li l-kawża tħalliet għas-sentenza, u li fiha kien talab l-għoti ta' rimedju provviżorju tal-iskarċerazzjoni. Il-qorti tqis li, fid-dawl ta' dak li ipprovdiet dwar it-tieni talba tar-rikorrent, u wkoll tal-provvediment mogħti minnha fid-19 ta'

[6] »Kost. 14.12.2018 fil-kawża fl-ismijiet Brian Vella *v.* L-Avukat Ġenerali.«

April, 2016, fuq talba oħra bħalha li r-rikorrent kien talab fi stadju bikri tal-kawża, ma hemm l-ebda raġuni tajba għaliex għandha tilqa' t-talba tar-rikorrent biex jinħeles mill-ħabs fiċ-ċirkostanzi,

»Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

»tilqa' limitatament l-ewwel talba attriċi billi ssib li l-jedd għal smigħ xieraq tar-rikorrent, kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, inkiser minħabba li ta stqarrija lill-pulizija bla ma kien imħolli jkollu l-għajnuna ta' avukat jew jagħtiha fil-preżenza tiegħu; imma tiċħad l-istess talba għall-bqija, billi ma jirriżulta l-ebda ksur tal-jeddijiet tar-rikorrent u la taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni biċ-ċaħda lir-rikorrent tal-aċċess għall-*file* tal-pulizija;

»tilqa' t-tieni talba attriċi billi tordna lill-intimati flimkien u solidalment bejniethom iħallsu lir-rikorrent is-somma ta' tlitt elef euro (€3,000) bħala kumpens mhux pekunjarju minħabba tali ksur; u

»tordna li l-intmati jħallsu wkoll l-ispejjeż tal-kawża.«

3. L-attur appella b'rikors tat-8 ta' Marzu 2019, li għalih il-konvenuti wieġbu fit-18 ta' Marzu 2019. Il-konvenuti wkoll appellaw b'rikors tat-18 ta' Marzu 2019 li għalih l-attur ma weġibx.

4. L-appell tal-attur jolqot dik il-parti tas-sentenza li ma sabitx ksur talli ma tħalliex jara l-*file* tal-pulizija u jolqot ukoll ir-rimedju li tat l-ewwel qorti talli ma tħalliex jieħu l-parir ta' avukat qabel ma ta l-istqarrija. L-appell tal-konvenuti jolqot dik il-parti tas-sentenza li sabet ksur tal-jedd tal-attur billi ma tħalliex jieħu l-parir ta' avukat, u wkoll ir-rimedju mogħti mill-ewwel qorti.

5. Nibdew bl-aggravju tal-attur dwar il-jedd li jitħalla jara l-*file* tal-pulizija. Dan l-aggravju ġie mfisser hekk:

»Apprezzament ħażin tal-provi rigward leżjoni tai-jedd tas-smigħ xieraq *in vista* tal-fatt tan-nuqqas ta' applikazzjoni tar-*rule of disclosure*

»Illi f'dan l-isfond l-appellant jagħmel referenza għal dak miktub mill-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick fil-ktieb *Law of the European Convention on Human Rights*:

»"The application of Article 6 has presented the Court, and formerly the Commission, with various problems. A delicate

question is the closeness with which it should monitor the functioning of national courts. The Court has studiously and properly followed the 'fourth instance' doctrine, according to which, as the Court regularly states, it is not its function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national Court unless and in so far as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention .

»"The right to a fair hearing, which is one such Convention right, has, as its wording generally suggests, been interpreted as providing only a procedural, not a substantive, guarantee. Accordingly, the Court will intervene in respect to 'errors of fact or law' by a national court only insofar as they bear upon compliance with the procedural guarantees in Article 6: it does not intervene under Article 6 because they affect the 'fairness' of the national court decision on its merits.

»"However, this last statement must be read subject to a limitation that is to be found in some recent Court jurisprudence to the effect that there may be a breach of Article 6 where a national court decision on the merits has been 'arbitrary or manifestly unreasonable'.

»"Finally, it is relevant to note that in some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of 'actual prejudice' to the applicant. This is the case in the application of the residual fair hearing' guarantee in Article 6(1), and is true of some specific Article 6 guarantees. As to the latter, Stavros states in respect of criminal cases:

> »"'This tendency has manifested itself in the context of Article 6(3) (a), (b) and (d) and sometimes in the context of the right to an impartial tribunal. This is not, however, always the case. The Convention organs appear to regard the presence of actual prejudice inherent in the failure to observe other guarantees, pronouncing automatically the breach of the Convention.
>
> »"'In cases in which 'actual prejudice' is sought, this will be decided on the basis of the hearing 'as a whole', so that a procedural deficiency that is outweighed by other aspects of the hearing or that is rectified on appeal will not involve a breach of Article 6.'"

»Illi l-appellant jirrileva illi fil-każ odjern il-mankanza fil-liġi Maltija tar-*rule of disclosure* fil-mument illi huwa gie investigat u sussegwentement arrestat wassal għal *actual prejudice* lill-appellant u dan anke tenut kont tal-fatt illi apparti dan l-ilment imressaq taht dan l-aggravju kien hemm ilmenti ohra fir-rigward tad-dritt għall-assisteriza legali fl-istadju tal-investigazzjoni kemm tiegħu u lkoll wasslu għal kontaminazzjoni fil-proċeduri kriminali meħuda fil-konfront tal-appellant.

»Illi l-fatt illi l-appellant ma ngħatax id-dritt għar-*rule of disclosure* wassal għal ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq *ai termini* tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

»Illi bla dubju u mhux kontestat illi, fiż-żmien tal-arrest tal-appellant, ma kienx hemm dritt ta aċċess għall-*file* tal-pulizija fil-liġi penali maltija u *cioè* id-dritt tar-*rule of disclosure*. Illi certament il-konoxxenza tal-provi li l-prosekuzzjoni tressaq kontra l-akkużat huma sanċiti fil-

prinċipju ta' *equality of arms*, element fundamentali ta dritt ta' smigħ xieraq.

»Illi fil-*Guide on Article 6: Right to a Fair Triak (criminal limb)* tal-Kunsill Ewropej [*recte*, tal-Kunsill tal-Ewropa] 2014 pagna 20 insibu hekk dwar dan:

> »"2. Adversarial hearing
>
> »"103. It is a fundamental aspect of the right to a fair trial that criminal proceedings, including the elements of such proceedings which relate to procedure, should be adversarial and that there should be equality of arms between the prosecution and defence. The right to an adversarial trial means, in a criminal case, that both prosecution and defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and the evidence adduced by the other party. In addition, Article 6 § 1 requires that the prosecution authorities disclose to the defence all material evidence in their possession for or aganst the accused (<u>Rowe and Davis *v*. the United Kingdom</u> [GC], § 60).
>
> »"104. In a criminal trial, Article 6 § 1 usually overlaps with the defence tigħts under Article 6 § 3, such as the right to question witnesses."

»Illi jigi rilevat illi kien l-Istat Malti illi għal diversi snin ċaħħad dan id-dntt ta' asssitenza legali (kif ukoll id-dritt għal *disclosure*) lil persuna waqt interrogazzjoni. Illi l-istess qrati anke *nonostante* d-diversi pronunzjamenti tal-qrati ewropej (fosthom <u>Salduz</u>) ħadu snin sabiex jiġi stabbilit dan il-punt u sar stabbilit biss f'Malta wara l-pronunzjament u ċ-ċanfira illi l-Qorti Ewropea tat lil Malta fil-kaz ta' <u>Mario Borg</u> senjatament fil-*consenting opinion* tal-Imħallef Pinto De Albuquerque fejn qal illi l-interpretazzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta kienet qed tagħti għas-sentenza tal-Qorti Ewropea ta' <u>Salduz</u> kienet tammonta għal *"breach of the constitutional instrument of European public order and its peremptory character*". Aktar minn hekk, l-istess Imhallef qal illi:

> »"In other words, the Government is claiming that *Salduz* did not posit a principle of law and therefore national courts may depart from it when the facts of a case are not exactly the same as those in *Salduz*. This view not only downgrades *Salduz* to the rank of a strictly fact-sensitive understatement by the Grand Chamber, but, worse still, reflects a wrong and worrying methodological perspective on the Court's role and the legal force of its judgments.
>
> »"… … …
>
> »"In spite of the crystal-clear course taken by the Court towards reinforcing the right to legal assistance for defendants from the very beginning of the investigation and particularly when in police custody or during police questioning, the Constitutional Court of Malta chose to contradict the letter and the spirit of the Grand Chamber's judgment, introducing a broadly formulated caveat to its applicability: the vulnerability of the defendant. No plausible grounds were given for this radical change from the same Constitutional Court's prior case-law,

> which had specifically denied the 'decisive' role of the age or vulnerability factor in the determination of the *Salduz* right to legal assistance. Worse still, no specifics were provided as to the relevant characteristics of vulnerable persons. On this fragile legal basis, the impact of the Grand Chamber case-law was, in practical terms, limited to 'exceptional' cases'."

»Illi li hu ċert fil-kaz in eżami huwa illi fil-mument illi l-appellant ġie interrogat u sussegwentement ġie arrestat ma ngħatax id-dritt u l-informazzjoni kollha meħtieġa ta' biex inhuwa akkużat, u dan ovvjament iwassal fil-fatt illi l-appellant sofra preġudizzju riżultat ta' *non disclosure*. Illi dwar id-*disclosure* meta ikkombinat mal- ksur ravvizat mill-ewwel onorabbli qorti fejn l-appellant ma kellux id-dritt għall-assistenza legali jkompli jrendi l-ksur aktar serju.

»Illi *inoltre* ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet <u>Dayanan *v.* Turkey</u> (13.10.2009 (II)). Il-Qorti Ewropea rriteniet is-segwenti;

> »"As emerges from the generally recognized international norms, which the Court accepts and which complement its case-law, a suspect must be afforded assistance by a lawyer as soon as he has been deprived of his liberty, whether or not he is to undergo interrogations.
>
> »"… … …
>
> »"The principle of fair trial requires that a suspect be afforded the vast range of interventions that are inherent to legal advice. In this respect, the discussion of the case, the organization of the defence, the search for favourable evidence, preparation for interrogations, support of the suspect in distress and control of the conditions of detention are essential elements of the defence which the lawyer must be free to perform."

»Illi *inoltre* l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza <u>Pischalnikov *v.* Russia</u> deċiża fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) spjegat fid-dettal il-funzjonijiet varji u tekniċi tal-avukat fl-istadju tal-investigazzjoni u għaliex hemm bżonn illi l-avukat irid ikollu aċċess għall-*file* tal-akkużat mill-bidunett tal-investigazzjoni:

> »"Having been denied legal assistance, the applicant was unable to make the correct assessment of the consequences his decision to confess would have on the outcome of the criminal case ... In the absence of counsel , who could have provided legal advice and technical skills, the applicant could not make full and know-ledgeable use of his rights afforded by the criminal procedural law."

»Illi għalhekk il-mankanza illi persuna jkolli aċċess mill-ewwel għall-*file* (kombinata fil-każ odjern mal-fatt illi l-appellant lanqas biss kellu assistenza legali matul l-interrogazzjoni) ippreġudika sostanzjalament is-sitwazzjoni tal-akkużat u dan *nonostante* l-fatt illi l-appellant kellu avukat illi assistih matul il-proceduri l-qorti, u dan kif spjegat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz <u>Pavlenko *v.* Russia</u> deċiż fl-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010):

> »"Thus even though at the trial the applicant had an opportunity to challenge the evidence against him in adversarial proceedings with the benefit of legal advice the Court reiterates its foregoing

> findings concerning the legal assistance in the pre-trial proceedings, and concludes that the shortcomings in respect of the legal assistance at that stage seriously undermine the position of the defence at the trial.” (Section 119)

»Illi fil-fatt illum il-ġurnata l-liġi nbidlet u l-Kodiċi Kriminali jipprovdi diversi drittijiet lill-persuni interrogati u sussegwentement arrestati fosthom id-dritt tar-*rule of disclosure*. Fil-fatt, permezz tal-emendi li saru fil-Kodiċi Kriminali fl-Iskeda E, Taqsima I, Ittra bi Drittijiet, insibu illi l-persuna interrogata jew l-avukat tagħha għandu d-dritt għal dokumenti essenzjali neċessarji għall-kontestazzjoni tal-arrest jew id-detenzjoni u jekk sussegwentement il-persuna titressaq il-qorti l-istess persuna jew l-avukat tagħha għandhom dritt għad-dokumenti kollha senjatament il-provi kollha favur jew kontra l-akkużat:

> »“E. Aċċess għad-Dokumenti
>
> »Meta tiġi arrestat u detentut, inti għandek, jew l-avukat tiegħek għandu, id-dritt ta aċċess għal dokumenti essenzjali neċessarji għall-kontestazzjoni tal-arrest jew id-detenzjoni. Jekk il-każ tiegħek jitressaq il-qorti inti għandek, jew l-avukat tiegħek għandu, id-dritt ta’ aċċess għall-provi materjali favur jew kontra tiegħek.”«

6. Il-konvenuti wieġbu hekk:

»Fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jgħid li l-ewwel onorabbli qorti wettqet apprezzament ħażin tal-provi dwar l-ilment tiegħu marbut man-nuqqas ta’ aċċess għall-fajl tal-pulizija;

»Jekk tneħħi r-riferenzi magħmula għall-kittieba, ir-riferenzi għal xi sentenzi u r-referenza għall-fatt li fiż-żmien ta’ meta tteħditlu l-istqarrija l-appellant ma kellux skont il-liġi Maltija aċċess għall-fajl tal-pulizija, l-appellant qajla fisser b’liema mod l-ewwel onorabbli qorti interpretat b’mod ħażin il-fatti tal-kawża meta ġiet biex ċaħdet l-ilment tiegħu dwar in-nuqqas ta’ aċċess għall-fajl tal-pulizija;

»F’kull każ, l-esponenti ma jarawx li, fl-istħarriġ ta’ dan l-ilment, l-ewwel onorabbli qorti daħlet f’xi għarbiel li ma kienx jaqbel mal-fatti u ċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, bħalma lanqas ma jaraw li d-deċiżjoni mogħtija minnha dwar dan l-aspett tmur kontra d-duttrina u l-ġurisprudenza fuq il-materja;

»Taħt il-jedd tas-smigħ xieraq dak li huwa garantit huwa li l-akkużat jingħata żmien u faċilitajiet adegwati biex ikun jista’ jħejji d-difiża tiegħu ħalli b’hekk jiġi żgurat il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża. F’dan il-kwadru r-*rule of disclosure* tagħraf il-jedd tal-akkużat ”*to have at his disposal, for the purpose of exonarating himself or of obtaining a reduction in his sentence, all relevant elements that have been or could have been collected by the authorities”,* inkluż kull dokument dwar ”*acts of which the defendant is accused, the credibility of witnesses etc.”* (ara Jespers *v.* Il-Belġju u CGP *v.* L-Olanda). Għalhekk il-prosekuzzjoni għandha l-obbligu li tiżvela lid-difiża l-evidenza kollha li hija għandha f’idejha kemm jekk din hija kontra u kif ukoll jekk favur l-akkużat (ara Edwards *v.* Ir-Renju Unit);

»Issa fil-każ tagħna l-appellant ma xehedx jew tenna li huwa ried jara l-fajl tal-pulizija sabiex jikkontesta l-legalità tal-arrest tiegħu jew biex

ikun jaf fuq xiex jinsab akkużat. Kemm hu hekk, f'dawn il-proċeduri ma hemm l-ebda talba biex jiġi mistħarreġ jekk kienx hemm arrest arbitrarju. Anke kieku stess ma jidhirx li l-appellant bata xi preġudizzju għaliex waqt l-interrogazzjoni ma rax il-fajl tal-pulizija;

»Għalhekk l-esponenti qegħdin jifhmu li l-appellant ried ikun jaf x'hemm fil-fajl tal-pulizija ħalli jislet minnhom xi tagħrif li jkun vanntaġġjuż għalih u b'hekk huwa jkun f'qagħda aħjar li jiddefendi lilu nnifsu meta huwa jitressaq quddiem il-qorti;

»Dan premess l-esponenti jtennu li, kif inhuwa fid-dmir tagħhom, il-pulizija fil-proċeduri kriminali ressqet il-provi kollha li kellha f'idejha dwar il-każ, sew jekk dawn kienu favur sew jekk kontra l-appellant. Ifisser dan li l-appellant kien qiegħed f'qagħda li jħejji d-difiża tiegħu b'mod xieraq;

»Sinjifikanti ħafna li l-appellant ma jfissirx liema huma dawk il-provi li skont hu tħallew mistura jew barra mill-pulizija għaż-żvantaġġ tiegħu. Lanqas ma hemm ilment li l-appellant ma kellux aċċess għall-provi miġbura fl-istadju tal-kumpilazzjoni, jew li ma kellux id-dritt li jagħmel kontro-eżami tax-xhieda prodotti, jew ma kellux aċċess għad-dokumenti esebiti. Mod ieħor l-appellant isemmi biss b'mod astratt li ma kellux aċċess għal-fajl tal-pulizija. Iżda kif inhu magħruf vjolazzjoni tas-smigħ xieraq ma tistax tinstab fl-astratt iżda trid tinstab fil-konkret – ħaġa li f'dan il-każ ma hemmx;

»Kif imtenni fis-sentenza Il-Pulizija *v.* Clayton Azzopardi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Frar 2017 li toqgħod eżatt għall-każ tagħna:

> »"Hu paċifiku li sabiex jiġi żgurat il-prinċipju tal-*equality of arms* l-akkużat irid ikollu tagħrif tal-provi li ser jinġiebu kontrih sabiex iħejji d-difiża tiegħu. Dan hu ċentrali f'sistema penali sabiex jiġu żgurati l-ġustizzja u s-smigħ xieraq. Madankollu fil-każ tallum ma jirriżultax li l-attur ma kellux aċċess għall-provi miġbura fl-istadju tal-kumpilazzjoni jew li ma kellux dritt li jagħmel kontro-eżami tax-xhieda prodotti, jew li ma kellux aċċess għad-dokumenti esebiti. *Inoltre* fil-kors tal-kumpilazzjoni kellu d-dritt skont il-liġi li jobbliga lill-pulizija tipproduċi d-dokumenti relevanti kollha fil-pussess tagħha. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, u meqjusa wkoll il-proċeduri kriminali kontrih sal-lum il-ġurnata, din il-qorti ma tistax tikkonkludi li l-attur ġarrab preġudizzju hekk li ma setax iħejji difiża xierqa għall-akkużi miġjuba kontrih";

»Dan ġie wkoll imtenni fis-sentenza Raymond Bonnici *v.* Avukat Ġenerali *et* deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fid-29 ta' Marzu 2017 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ottubru 2017;

»Meqjus dan kollu, l-esponenti ma jarawx li hemm x'tiċċensura fl-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel onorabbli qorti fis-sentenza tagħha;

» Jiġi b'hekk li dan l-ewwel aggravju ma jixraqlux li jiġi milqugħ u għalhekk għandu jiġi miċħud.«

7. Il-qorti tosserva illi, kif sewwa jgħidu il-konvenuti fit-tweġiba tagħhom, l-attur fir-rikors tal-appell jagħmel biss osservazzjonijiet ġeneriċi u astratti, u ma jgħidx speċifikament kif ġarrab preġudizzju. Jidher illi l-attur qiegħed isejjes l-argument tiegħu fuq l-asserzjoni li kull nuqqas waqt il-proċess huwa *ipso facto* ekwivalenti għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, u jsejjes dan l-argument fuq il-konsiderazzjonijiet magħmula fil-każ ta' Borg *v.*Malta[7]*.* Għandu jingħad, qabel xejn, illi, kif imfisser aktar 'il quddiem waqt it-trattazzjoni tal-appell tal-konvenuti[8], l-insenjament ta' Borg illum ġie superat u mwarrab mill-istess Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li, fis-sentenza ta' Beuze *v.* il-Belġju[9], mogħtija mis-Sezzjonijiet Magħquda (*Grand Chamber*) qalet hekk:

> »120. The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see *Ibrahim and Others*, … § 250). The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings … … …«

8. Barra minn hekk, kif sewwa osservat l-ewwel qorti, l-attur ma weriex li ġie mċaħħad minn xi tagħrif li kellha l-pulizija dwar il-każ, u għalhekk mhux biss ma jistax igħid illi kien hemm irregolarità proċedurali hekk gravi li, meqjus il-proċess kollu, ċaħħditu minn smigħ xieraq, iżda wkoll ma jistax igħid illi kien hemm dik l-irregolarità. Din il-qorti taqbel għalkollox ma' dak li qalet l-ewwel qorti meta osservat illi:

---

[7] Q.E.D.B. 12 ta' Jannar 2016, rik. 37537/13.

[8] Para.19 *et seqq.*, *infra*.

[9] Q.E.D.B. 9 ta' Novembru 2018, rik. 71409/10.

»… … … il-qorti tqis li sa sitta u tletin (36) siegħa wara li kien arrestat, ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti Inkwirenti u l-provi kollha li ressqet il-pulizija dwar il-każ kienu jinsabu fl-atti tal-kumpilazzjoni u għad-dispożizzjoni sħiħa tiegħu u tal-avukati li qabbad. Mill-provi mressqa, jidher probabbli wkoll li, sa dak il-ħin li ta l-istqarrija, il-pulizija ma kienx seta' kellha wisq tagħrif jew provi oħrajn dwar ir-rikorrent, meta wieħed iqis li l-arrest tiegħu seħħ imqar sagħtejn wara l-inċident u huwa kien tressaq quddiem il-qorti l-għada, wara li kien ilu madwar erbgħa u għoxrin (24) siegħa li ta l-istqarrija tiegħu.«

9. Billi għalhekk la hemm prova li l-pulizija kellha xi tagħrif relevanti li ma għadditux lill-attur u lanqas intwera illi l-attur ġarrab xi preġudizzju, dan l-aggravju tal-attur huwa miċħud.

10. Ngħaddu issa għall-appell tal-konvenuti dwar sejbien ta' ksur tal-jedd tal-attur meta ma tħalliex ikellem avukat qabel ma interrogawh il-pulizija. Fissru dan l-aggravju hekk:

»L-ewwel aggravju huwa dwar is-sejbien ta' ksur ta' smigħ xieraq minħabba l-fatt li Stephen Pirotta, fl-istadju tal-interrogazzjoni tiegħu, ta stqarrija bla ma ngħata l-jedd li jikkonsulta u jkollu avukat miegħu;

»L-esponenti jitilqu billi jgħidu li huma jaċċettaw anke minħabba l-għadd kbir ta' sentenzi li ngħataw dan l-aħħar, kemm f'Malta u kif ukoll barra minn Malta, li skont id-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali, persuna suspettata b'għemil kriminali għandha jkollha l-jedd ta' assistenza legali anke fl-istadju tal-interrogazzjoni tagħha mill-pulizija;

»Madankollu l-ilment kostituzzjonali ta' Stephen Pirotta f'dan il-każ irid jiġi meqjus fil-kuntest tal-premessi u tat-talbiet kif ġew imfassla fir-rikors kostituzzjonali/konvenzjonali tiegħu. Joħroġ ċar li l-għan wara dawn il-proċeduri kostituzzjonali kien li jiġi dikjarat li l-proċeduri kriminali meħuda kontrih tmexxew bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq tiegħu. Kien sewwasew għalhekk li, bħala rimedju f'każ ta' sejbien ta' ksur, huwa talab biex l-ewwel onorabbli qorti tordna l-każ kriminali maqtugħ kontrih jerġa' jibda mill-ġdid;

»Billi l-azzjoni tar-rikorrenti kienet diretta kontra l-proċeduri kriminali, l-ewwel onorabbli qorti ma setgħetx tieqaf biex tistħarreġ biss dak li ġara fil-fażi tal-interrogazzjoni. Iżda riedet tara x'ġara wkoll waqt il-proċess ġudizzjarju. Wara kollox, ir-rikorrenti kien qed jallega li kienu l-proċeduri kriminali nfushom li kienu l-għajn tal-ilment kostituzzjonali tiegħu;

»L-esponenti sinċerament ma jaqblux mal-ewwel onorabbli qorti li għaliex seħħet irregolarità proċedurali fl-istadju tal-interrogazzjoni allura dan awtomatikament għandu jfisser li seħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq kif imħares mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

»Imbilli tkun twettqet irregolarità formali f'parti tal-proċess, kemm jekk qabel u kemm jekk wara li jinbeda proċess ġudizzjarju, dan ma jfissirx li l-proċess ġudizzjarju jkun wieħed neċessarjament imniġġes. Biex ikun hemm nuqqas ta' smigħ xieraq fil-proċess ġudizzjarju irid jintwera li dik l-irregolarità proċesswali li tkun seħħet tkun tant gravi u tant kbira li r-riżultat li joħroġ jew li jista' joħroġ minn dak il-proċess ma jistax ikun wieħed skont il-ħaqq. Fi kliem ieħor, jeħtieġ li jintwera li kieku ma kinitx għal dik l-irregolarità proċesswali, l-eżitu finali kien ikun jew seta' kien ikun differenti;

»Issa jidher ċar minn qari tas-sentenza appellata li, għall-ewwel onorabbli qorti, ir-rikorrent ma seħħlux juri li huwa ġie preġudikat fil-proċeduri kriminali minħabba l-mod ta' kif huwa ta l-istqarrija tiegħu. Kemm hu hekk, hija ma ordnatx it-tħassir tas-sentenzi kriminali biex il-proċeduri kriminali jinbdew mill-ġdid;

»Ifisser dan li l-ewwel onorabbli qorti ma qalitx sew li hemm ksur *ipso facto* tal-jedd għal smigħ xieraq għar-raġuni biss li seħħet xi ħaġa ħażina waqt il-fażi tal-interrogazzjoni;

»Il-Qorti Kostituzzjonali f'għadd ta' deċiżjonijiet riċenti tagħha, f'ċirkostanzi fejn proċeduri kriminali kienu għadhom pendenti, qalet li ma kien hemm l-ebda ksur ta' smigħ xieraq għaliex ittieħdu proċeduri kriminali wara li tkun ingħatat stqarrija mingħajr l-għejun ta' avukat. F'dawk is-sentenzi l-Qorti Kostituzzjonali ordnat li l-proċeduri kriminali setgħu jitkomplu basta li l-istqarrijiet mogħtija quddiem il-Pulizija ma jiġux użati fihom (ara fost ħafna oħrajn is-sentenzi riċenti Malcolm Said *v.* L-Avukat Ġenerali tal-24 ta' Ġunju 2016, Daniel Gatt *v.* Avukat Ġenerali tal-24 ta' Novembru 2017, Gordi Felice *v.* L-Avukat Ġenerali tas-27 ta' Novembru 2017, Dominic Camilleri *v.* Avukat Ġenerali *et* tat-2 ta' Marzu 2018, Christopher Bartolo *v.* Avukat Ġenerali tal-5 ta' Ottubru 2018 u Dustin Buġeja *v.* Avukat Ġenerali *et* tal-5 ta' Ottubru 2018);

»Li kieku, kif donnha qalet l-ewwel onorabbli qorti, hemm ksur awtomatiku minħabba l-fatt biss li ttieħdet stqarrija mingħajr l-assistenza tal-avukat, kieku l-Qorti Kostituzzjonali kienet tgħid li seħħ ksur u tieqaf hemm, u mhux tgħid li ma seħħx ksur iżda jista' jkun hemm ksur 'il quddiem;

»Fil-ħsieb tal-esponenti dak li jgħodd għall-proċeduri kriminali pendenti għandu jgħodd ukoll għall-proċeduri kriminali li jkunu ġew maqtugħa. Dan fis-sens li biex wieħed jista' jasal biex jgħid li l-proċeduri kriminali jkasbru l-jedd għal smigħ xieraq, wieħed irid juri u jipprova li l-proċeduri kriminali ġew deċiżi ħażin sewwasew minħabba li l-istqarrija mħollija mal-pulizija tkun saret b'mod irregolari. Jekk il-proċeduri kriminali jkunu nqatgħu b'ċertu mod għaliex is-sentenza ta' ħtija tkun issejset fuq l-istqarrija li tkun saret ħażin allura wieħed ikollu raġun jilmenta li l-proċeduri kriminali jkunu ġew maqtugħa b'mod ħażin. Iżda jekk jintwera li l-proċeduri kriminali nqatgħu kif inqatgħu minħabba fatturi oħra li jmorru lil hemm mill-istqarrija, bħal pereżempju meta jkun hemm ammissjoni tal-akkużat quddiem il-qorti jew xiehda ta' terzi, allura, f'każ bħal dan, ma jistax jingħad li l-proċeduri kriminali jkunu ġew deċiżi ħażin;

»Huwa għalhekk li huwa importanti ħafna li biex wieħed jgħarbel jekk proċeduri kriminali nqatgħux b'mod li jħares il-jedd għal smigħ xieraq, wieħed irid iħares lejn l-atti kollha tal-kawża;

»Dan il-punt li qed jipprovaw jagħmlu l-esponenti mhuwiex xi wieħed ġdid li ħarġu bih l-esponenti iżda huwa prinċipju li ilu stabbilit u mħares b'ċertu reqqa fil-ġurisprudenza. Prinċipju dan li jrid li biex wieħed jasal għall-konklużjoni jekk dik l-irregolarità tkunx ikkontaminat il-proċess ġudizzjarju kollu huwa dejjem għaqli li wieħed iqis il-proċess ġudizzjarju kollu kemm hu. Tabilħaqq, il-Qrati tagħna dejjem kienu tal-fehma li biex japplikaw l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, huma jridu tabilfors iqisu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi, biex jiddeterminaw jekk kien hemm ksur tal-jedd ta'smigħ xieraq, iridu jqisu l-proċess kollu kemm hu. Dan ifisser li din l-onorabbli qorti ma tistax u m'għandhiex tiffoka fuq biċċa waħda biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk issib xi nuqqas jew għelt, tasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigh xieraq (ara Adrian Busietta *v.* Avukat Ġenerali deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2006);

»Fl-umli fehma dan il-prinċipju jagħmel ħafna sens għaliex wieħed m'għandux jieqaf mas-sejbien tal-irregolarità proċedurali imma għandu jara jekk dik l-irregolarità twassalx għat-tniġġis tal-proċess ġudizzjarju;

»Sewwasew huwa għalhekk li huwa importanti li qabel ma wieħed jgħaddi biex jippronunzja ruħu dwar jekk kienx hemm ksur tas-smigħ xieraq jew le wieħed għandu l-ewwel jara kif żviluppa l-proċess. Tabilħaqq irregolarità proċedurali mhux bilfors twassal għall-ksur tas-smigħ xieraq;

»Eżempju ċar huwa l-każ ta' Gäfgen *v.* Il-Ġermanja (app. 22978/05) deċiż mill-*Grand Chamber* fl-1 ta' Ġunju 2010. F'dak il-każ l-applikant kien suspettat li ħataf tifel minorenni biex jikseb miljun euro mill-familja tiegħu. Waqt li l-applikant kien miżmum mill-pulizija Ġermaniża, l-applikant ġie msawwat mill-pulizija għalkemm taħt superviżjoni medika, ġie mogħti sustanza kimika biex jgħid il-verità u ġie mhedded minnhom li jekk ma jgħidilhomx fejn kien qed iżomm it-tifel huwa kien ħa jbati uġieħ kbir u li kien anke ħa jiġi maqful ma' żewġ persuni ta' ġilda skura sabiex jabbużaw minnu sesswalment. Maħkum bil-biża', l-applikant (mingħajr ma kkonsulta ma' avukat) kixef il-lok ta' fejn kien mistur it-tifel u rriżulta b'sogħba kbira li t-tifel kien ġie fgat u mixħut f'għadira. Wara li nstab il-kadavru tal-minorenni, l-applikant ġie meħud lura fl-għassa tal-pulizija. Jiem wara l-applikant tenna l-ħtija tiegħu tal-ħtif u d-delitt tat-tifel kemm quddiem il-prosekutur kif ukoll quddiem imħallef;

»Wara li ġew mitmuma l-proċeduri kriminali, l-applikant instab ħati bil-qtil tal-minorenni u ġie kkundannat il-ħabs. Mhux sodisfatt b'dan l-eżitu l-applikant ressaq ilment konvenzjonali quddiem l-organi ġudizzjarji ta' Strasburgu fejn allega *inter alia* li l-proċess ġudizzjarju ma kienx wieħed xieraq għaliex huwa ġie ttorturat u ttrattat b'mod ħażin mill-pulizija waqt l-istadju tal-investigazzjoni. Il-*Grand Chamber* iddisponiet mill-ilment tal-applikant billi sabet li l-applikant ġarrab trattament inuman u degradanti bi ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea bil-mod ta' kif ġabu ruħhom miegħu l-pulizija Ġermaniża, però ma sabitx ukoll ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea minkejja l-mod ta' kif il-pulizija kisbu t-tagħrif dwar l-ambjenti fejn instab il-kadavru tal-minorenni. Fis-sentenza l-*Grand Chamber* qalet hekk,

> »"The Court concludes that in the particular circumstances of the applicant's case, the failure to exclude the impugned real

evidence, secured following a statement extracted by means of inhuman treatment, did not have a bearing on the applicant's conviction and sentence. As the applicant's defence rights and his right not to incriminate himself have likewise been respected, his trial as a whole must be considered to have been fair.

»"Accordingly, there has been no violation of Article 6 §§ 1 and 3 of the Convention.«

»Din is-silta turi li kull każ għandu storja għalih u li dan għandu jiġi trattat skont il-fattispeċji tiegħu. Mhux hekk biss din is-sentenza turi wkoll li biex evidenza meħuda irregolarment twassal għal-leżjoni ta' smigħ xieraq irid jintwera li ngħata piż qawwi lil dik l-evidenza biex instabet il-ħtija fl-akkużat;

»Issa huwa minnu li fis-sentenzi Salduz *v.* It-Turkija, Danayan *v.* It-Turkija u Mario Borg *v.* Malta, l-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa kienu bħal donnhom warrbu dan il-prinċipju jew forsi nsewh għalkollox. B'danakollu dan l-aħħar fis-sentenza Beuze *v.* Il-Belġju deċiża fid-9 ta' Novembru 2018, il-*Grand Chamber*, l-ogħla qorti ta' Strasburgu reġgħet ħaddnet il-fehma espressa fil-każ ta' Gäfgen *v.* Il-Ġermanja, jiġifieri li biex tara jekk persuna ġarrbitx ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq wieħed m'għandux jieqaf biss fuq il-fatt li stqarrija tkun ittieħdet mingħajr l-assistenza ta' avukat iżda wieħed għandu jħares kif dak il-fatt laqat il-proċeduri kriminali u s-sentenza finali;

Interessanti li l-*Grand Chamber* fis-sentenza ta' Beuze *v.* Il-Belġju ħolqot numru ta' kriterji mhux tassattivi li wieħed għandu jqis biex jara jekk in-nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju tat-teħid tal-istqarrija jwassalx għall-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq. Fi kliem il-*Grand Chamber*:

»"150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see *Ibrahim and Others*, … § 274, and *Simeonovi*, … § 120):

»"(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;

»"(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;

»"(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

»"(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;

»"(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article,the nature of the violation found;

»"(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;

»“(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;

»(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;

»“(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and

»“(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.”

»Dan premess, fil-każ tagħna wieħed ma jistax jikkonkludi li l-istqarrija ta’ Stephen Pirotta wasslet biex huwa ġie misjub ħati tal-akkużi mressqa kontrih. Għalkemm l-istqarrija tiegħu ttieħdet irregolarment għaliex saret mingħajr konsultazzjoni minn qabel ma’ avukat, ir-rikorrent ma nstabx ħati tal-akkuzi miġjuba kontrih minħabba dak li huwa qal fl-istqarrija;

»Kif intqal fit-tweġiba kostituzzjonali f’dan il-każ xehdu kemm il-vittma sfortunata David Azzopardi, li minħabba tilwima banali tat-traffiku, safa’ inġustament midrub, f’perikolu serju li jitlef ħajtu, b’daqqa ta’ sikkina, li rċieva f’sidru, bla raġuni ta’ xejn, mingħand ir-rikorrent, kif ukoll xehdet Lorraine Nejjar li kienet riekba fil-karrozza ma’ Azzopardi u li rat ir-rikorrent jagħti d-daqqa tas-sikkina;

»Qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali mill-ewwel turik li din il-qorti kkonfermat il-ħtija tar-rikorrent mhux minħabba dak li r-rikorrent tenna fl-istqarrija tiegħu iżda minħabba dak li qalu David Azzopardi u Lorraine Nejjar fix-xiehda tagħhom. Kemm hu hekk, il-Qorti tal-Appell Kriminali tgħid fis-sentenza tagħha li hija ma kinitx qegħda temmen dak li sostna r-rikorrent fl-istqarrija tiegħu u ċjoè li qabad is-sikkina għaliex beża’ li David Azzopardi seta’ kellu pistola u jispara fuqu;

»Għalhekk mhux minnu dak li jgħid ir-rikorrent li huwa nstab ħati fuq dak li huwa qal fl-istqarrija. Anzi fl-istqarrija tiegħu huwa pprova jeskolpa ruħu billi jipprova jġib li dan kien każ ta’ leġittima difiża – ħaġa li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma sabitx li kienet versosimili għaliex li kieku ried ir-rikorrent kellu kull ċans li jidħol fil-vettura tiegħu u jitlaq minn hemm iżda, minflok ir-rikorrent mar fil-vettura tiegħu, ġab is-sikkina, mar ħdejn il-vettura ta’ David Azzopardi u nifdu bis-sikkina meta Azzopardi kienu għadu ġewwa fil-vettura tiegħu;

»Illi fir-rikors kostituzzjonali tiegħu, fin-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu u anke fl-appell ewlieni tiegħu mis-sentenza appellata, ir-rikorrent jgħid illi, li kieku ma tkellimx fl-istqarrija tiegħu, il-pulizija ma kinux isolvu l-każ u dan minħabba li la David Azzopardi u lanqas Lorraine Nejjar ma kienu għarrfu wiċċ ir-rikorrent;

»L-esponenti ma jarawx li dan l-argument tar-rikorrenti huwa ta’ min joqgħod fuqu għaliex dan l-argument huwa spekulattiv, u barra minn hekk kien hemm David Azzopardi stess li f’paġna 33 tal-proċess kriminali xehed li ”L-istatura qisha tal-imputat u kien ismar wiċċu wkoll” u kienu l-pulizija stess li marru ġabru lir-rikorrent biex jeħdulu l-istqarrija għax mill-ewwel kellhom suspett fih (ara x-xiehda tal-Ispettur Jesmond Borg f’paġna 52 tal-proċess kriminali). Ma kienx ir-rikorrent li

mar għand il-pulizija anzi meta l-pulizija marru għalih f'daru r-rikorrent lanqas biss ried jiftħilhom;

»Magħdud ma' dan, jirriżulta mill-atti kriminali li l-pulizija waslet għar-rikorrent minħabba li l-pulizija kienet ġiet mgħarrfa li l-vettura involuta fl-inċident kienet *Skoda Favorit* ta' lewn bajda bin-numru ta' reġistrazzjoni BBE 791 (ara x-xiehda tal-Ispettur Anthony Portelli f'paġna 63 tal-proċess kriminali u ta' PS 768 Silvio Brincat f'paġna 125 tal-proċess kriminali), li kif xehed Brian Farrugia rappreżentant tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta (ara paġna 76 tal-proċess kriminali), kienet reġistrata fuq isem ir-rikorrent. Dan biex ma jingħadx ukoll li mir-relazzjonijiet tal-esperti Robert Cardona (ara paġni 85 *et seqq.* tal-proċess kriminali), Christopher Farrugia (ara paġni 159 *et seqq.* tal-proċess kriminali) u ta' Renald Blundell (ara paġni 161 *et seqq.* tal-proċess kriminali) ingħatat prova xjentifika li r-rikorrent kien fuq il-post tal-inċident għaliex fuq ħwejġu nstabu traċċi mill-profil tad-*DNA* ta' David Azzopardi;

»*Multo magis* imbagħad ir-rikorrent ma jistax jgħid li huwa ma kienx fil-post tal-inċident meta twettaq id-delitt għaliex dan il-fatt ir-rikorrent irrikonoxxih: (i) kemm waqt it-trattazzjoni permezz tal-avukat tiegħu dwar il-piena quddiem il-Qorti Kriminali; (ii) kemm fir-rikors tal-appell tiegħu u fit-trattazzjoni orali quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali meta argumenta li huwa aġixxa b'leġittima difiża; u (iii) kif ukoll quddiem l-ewwel onorabbli qorti meta waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2017 spjega li huwa tassew kien involut f'ħabta ma' David Azzopardi. Tassew in-nuqqas ta' rikonoxximent ta' wiċċ ir-rikorrenti min-naħa ta' David Azzopardi u Lorraine Nejjar ma kinitx wisq determinanti f'dan il-każ ġaladarba ma kienx hemm dubju jew kontestazzjoni dwar il-fatt li r-rikorrent kien fuq il-post;

»F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk Stephen Pirotta taħt l-ebda pretest ma jista' jgħid li huwa ġie żvantaġġjat fil-proċess kriminali minħabba dak kontenut fl-istqarrija tiegħu;

»La dan hu hekk, fl-umli fehma tal-esponenti, l-ewwel onorabbli qorti ma setgħetx tiddikjara li kien hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq tar-rikorrenti għall-fatt biss ta' kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu;

»Tabilħaqq ir-rikorrent kien megħjun minn avukat tal-għażla tiegħu tul il-proċess kriminali kollu. Ta' min jgħid li waqt il-proċess kriminali huwa qatt ma ilmenta dwar il-mod ta' kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu u lanqas ma ilmenta dwar il-kontenut tagħha jew tenna li din hija ħażina. Ingħata l-opportunità sħiħa biex jikkuntrasta u jegħleb l-akkużi proferiti kontrih. Tħalla jressaq il-provi kollha li ried u li jikkontro-eżamina x-xhieda tal-prosekuzzjoni. Għamel is-sottomissjonijiet kollha li dehrulu xierqa u anke ngħata dritt li jappella mill-ewwel sentenza;

»Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet wieħed għandu jikkonkludi li, meta wieħed iqis kollox, il-proċess ġudizzjarju tar-rikorrent Stephen Pirotta tmexxa b'mod ġust b'ħarsien sħiħ tal-jedd tas-smigħ xieraq. Il-fatt waħdu li r-rikorrent ħalla stqarrija waqt l-interrogazzjoni tiegħu bla ma kien megħjun minn avukat ma ġabx b'daqshekk ksur tal-jedd għas-smigħ xieraq;

»Għalhekk anke meta wieħed iqis li l-ewwel onorabbli qorti stess għarrfet li r-rikorrent ma ġarrab l-ebda preġudizzju fil-proċeduri kriminali minħabba l-mod ta' kif itteħditlu l-istqarrija tiegħu, dan kellu

jwassal lill-istess l-ewwel onorabbli qorti, anke fid-dawl tal-ġurisprudenza l-aktar aġġornata tal-*Grand Chamber*, sabiex tiċħad l-ewwel talba kollha tar-rikorrent, inkluż f'dik il-parti li tolqot l-istqarrija mingħajr l-avukat.«

11. L-ewwel qorti sabet ksur tal-jedd tal-attur għax qieset illi:

>»… … … il-fatt waħdu li fl-imsemmi proċediment intużat l-istqarrija li r-rikorrent kien ta lill-pulizija bla ma kien ingħata l-opportunità li jikkonsulta ma' avukat tal-għażla tiegħu taf iġġib magħha s-sejbien awtomatiku tal-jedd tar-rikorrent dwar smigħ xieraq bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni jekk kemm-il darba dik l-istqarrija tintuża fil-proċediment bħala prova kontra min għamilha.«

12. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-Sezzjonijiet Magħquda (*Grand Chamber*) kienet qieset il-kwistjoni tad-dritt għall-għajnuna ta' avukat fil-każ ta' Salduz *v.* It-Turkija[10] u fil-parti relevanti qalet hekk"

>» ... in order for the right to a fair trial to remain sufficiently 'practical and effective' …, Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 … The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction.«[11]

13. Għalkemm din is-silta tista' tagħti x'tifhem illi huwa biss meta hemm "raġunijiet impellenti" ("*compelling reasons*") biex ma titħalliex tingħata l-għajnuna ta' avukat illi dan in-nuqqas ma jwassalx għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, din hija biss regola ġenerali ("*as a rule*"). Fil-fatt, ukoll fil-każ ta' Salduz il-qorti, għalkemm sabet li ma kienx hemm raġunijiet impellenti biex il-persuna interrogata ma titħalliex tkellem avukat, madankollu xorta qieset jekk, meqjus kollox, il-proċess kienx

---

10 Q.E.D.B. 27 ta' Novembru 2008 rik. 36391/02,

11 § 55.

wieħed ġust, għalkemm fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ sabet li ma kienx. Imbagħad, fil-każ ta' ta' Ibrahim u oħrajn *v.* ir-Renju Unit[12] il-Qorti Ewropeja fis-Sezzjonijiet Magħquda kompliet tfisser illi:

> »250. The right to a fair trial under Article 6 § 1 is an unqualified right. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see *O'Halloran and Francis v. the United Kingdom* [GC], nos. 15809/02 and 25624/02, § 53, ECHR 2007-III). The Court's primary concern under Article 6 § 1 is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, *Taxquet v. Belgium* [GC], no. 926/05, § 84, ECHR 2010; and *Schatschaschwili v. Germany* [GC], no. 9154/10, § 101, ECHR 2015).
>
> »251. Compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings … … …
>
> »… … …
>
> »262. The Court accordingly reiterates that in assessing whether there has been a breach of the right to a fair trial it is necessary to view the proceedings as a whole, and the Article 6 § 3 rights as specific aspects of the overall right to a fair trial rather than ends in themselves. The absence of compelling reasons does not, therefore, lead in itself to a finding of a violation of Article 6 of the Convention.«

14. Effettivament, dan ifisser illi – kontra dak li qalet l-ewwel qorti fis-silta miġjuba fuq – il-fatt waħdu li ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, u dik l-istqarrija ntużat fil-proċess, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq: trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu ("*having regard to the development of the proceedings as a whole*").

15. Il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta meta ġiet biex tinterpreta s-sentenza ta' Salduz kienet sa ċertu punt antiċipat din il-preċiżazzjoni f'sentenza

[12] Q.E.D.B. 13 ta' Settembru 2016, rikk. 50541/08, 50571/08, 50573/08 u 40351/09.

mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2012 *in re* Charles Steven Muscat *v.* Avukat Ġenerali[13], meta osservat illi:

> »14. … … … Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. … … …
>
> »15. Għalhekk, li trid tagħmel din il-qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex ħati jew le tal-akkużi li nġiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il-perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur.«

16. Fi kliem ieħor, trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu ("*having regard to the development of the proceedings as a whole*") u mhux biss il-fatt waħdu illi l-persuna interrogata ma tħallietx tkellem avukat.

17. Din kienet il-posizzjoni li baqgħet tiġi segwita minn din il-qorti sakemm ingħatat is-sentenza ta' Borg *v.* Malta[14], li kienet sentenza tar-Raba' Sezzjoni tal-Qorti Ewropea. Dik is-sentenza tgħid – bħal ma qalet l-ewwel qorti – illi l-fatt waħdu li l-liġi ma kinitx tippermetti li tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt jew qabel l-interrogazzjoni kien biżżejjed biex jinsab ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni:

> »61. … … … indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).
>
> »62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to

13 Rik. kost. 75/2010.

14 Ara nota 7, *supra*.

> assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see *Salduz*, cited above, §§ 52, 55 and 56).
>
> »63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention «

18. Fid-dawl ta' din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali, għalkemm baqgħet temmen illi l-interpretazzjoni ta' Salduz li kienet adottat fil-każ ta' Muscat kienet dik korretta u ta' buon sens, għarfet illi wara s-sentenza ta' Borg dik il-posizzjoni ma baqgħetx tenibbli u għalhekk bidlet il-posizzjoni tagħha. Hekk, fil-każ ta' Malcolm Said v. L-Avukat Ġenerali[15] il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> »17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.
>
> »18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għal-kemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.«

19. Ir-raġuni u l-buon sens iżda fl-aħħar mill-aħħar jegħelbu. Fid-dawl tal-inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea fl-interpretazzjoni tal-jedd għall-għajnuna ta' avukat fil-kuntest tal-jedd għal smigħ xieraq, il-Qorti Ewropea kienet imsejħa, fil-każ ta' Beuze *v.* il-Belġju[16], biex tippreċiża aħjar x'inhi l-posizzjoni korretta. Tajjeb jingħad illi fil-każ ta' Beuze, bħal fil-każ tallum, il-liġi domestika fiż-żmien relevanti ma kinitx tipper-

---

15 Kost. 24 ta' Ġunju 2016, rik. 74/2014.

16 Ara nota 9, *supra*.

metti li tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni[17] u ma kien hemm ebda raġuni impellenti għala ma tħallietx tingħata l-għajnuna ta' avukat[18]. Fis-sentenza mogħtija mis-Sezzjonijiet Magħquda fid-9 ta' Novembru 2018 il-qorti qalet hekk:

> »120. The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see *Ibrahim and Others*, … § 250). The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings … … …
>
> »121. As the Court has found on numerous occasions, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings. … … …
>
> »… … …
>
> »139. The stages of the analysis as set out in the *Salduz* judgment – first looking at whether or not there were compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, then examining the overall fairness of the proceedings – have been followed by Chambers of the Court in cases concerning either statutory restrictions of a general and mandatory nature, or restrictions stemming from case-specific decisions taken by the competent authorities.
>
> »140. In a number of cases, which all concerned Turkey, the Court did not, however, address the question of compelling reasons, and neither did it examine the fairness of the proceedings, but found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, *ab initio*, to a violation of the Convention … … … Nevertheless, in the majority of cases, the Court has opted for a less absolute approach and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form … and sometimes in greater detail …
>
> »141. Being confronted with a certain divergence in the approach to be followed, in *Ibrahim and Others* the Court consolidated the principle established by the *Salduz* judgment, thus confirming that the applicable test consisted of two stages and providing some clarification as to each of those stages and the relationship between them (see *Ibrahim and Others*, … §§ 257 and 258-62).

---

17 Fil-fatt, kif jidher minn qari ta' §§ 154 *et seqq.* tas-sentenza, ir-restrizzjonijiet fuq il-jedd tal-persuna suspettata li tkellem avukat kienu ferm aktar restrittivi milli kienu fil-każ tallum.

18 Ara §§ 161 u 163-4.

… … …

»144. In *Ibrahim and Others* the Court also confirmed that the absence of compelling reasons did not lead in itself to a finding of a violation of Article 6. Whether or not there are compelling reasons, it is necessary in each case to view the proceedings as a whole (see *Ibrahim and Others*, … § 262). That latter point is of particular importance in the present case, since the applicant relied on a certain interpretation of the Court's case-law on the right of access to a lawyer … to the effect that the statutory and systematic origin of a restriction on that right sufficed, in the absence of compelling reasons, for the requirements of Article 6 to have been breached. However, as can be seen from the *Ibrahim and Others* judgment, followed by the *Simeonovi* judgment, the Court rejected the argument of the applicants in those cases that *Salduz* had laid down an absolute rule of that nature. The Court has thus departed from the principle that was set out, in particular, in the *Dayanan* case and other judgments against Turkey.

»145. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see *Ibrahim and Others*, … § 265).

»… … …

»147. Lastly, it must be pointed out that the principle of placing the overall fairness of the proceedings at the heart of the assessment is not limited to the right of access to a lawyer under Article 6 § 3 (c) but is inherent in the broader case-law on defence rights enshrined in Article 6 § 1 of the Convention … … …

»148. That emphasis, moreover, is consistent with the role of the Court, which is not to adjudicate in the abstract or to harmonise the various legal systems, but to establish safeguards to ensure that the proceedings followed in each case comply with the requirements of a fair trial, having regard to the specific circumstances of each accused.

»… … …

»150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see *Ibrahim and Others*, … § 274, and *Simeonovi*, … § 120):

»(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;

»(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;

»(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

»(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;

»(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article,the nature of the violation found;

»(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;

»(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;

»(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;

»(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and

»(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.«

20. Din hija interpretazzjoni li hija eqreb mal-posizzjoni li kienet ħadet din il-qorti qabel is-sentenza ta’ Borg milli mal-interpretazzjoni mogħtija mir-Raba’ Sezzjoni f’Borg u effettivament tfisser li kellha raġuni il-Qorti Kostituzzjonali ta’ Malta fil-posizzjoni li kienet ħadet fil-każ ta’ Muscat u fis-sentenzi li segwew, qabel ma kienet kostretta tbiddel dik l-interpretazzjoni fid-dawl ta’ Borg. L-interpretazzjoni ta’ Borg twarrbet, u effettivament twarrbet ukoll, kif hu xieraq, iċ-“ċanfira” xejn mistħoqqa lil Malta li l-attur tant saħaq dwarha fl-ewwel aggravju tiegħu.

21. Uħud mill-imħallfin membri tal-qorti li tat is-sentenza ta’ Beuze, f’opinjoni għalihom, ikkritikaw is-sentenza fejn qalet illi, f’kull każ, trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu u mhux biss in-nuqqas ta’ għajnuna ta’ avukat, għax dehrilhom illi, iżjed milli preċiżazzjoni tal-interpretazzjoni ta’ Salduz fid-dawl ta’ Ibrahim, is-sentenza ta’ Beuze hija kapo-

volġiment ta' dik il-ġurisprudenza. Hu x'inhu, hijiex preċiżazzjoni, elaborazzjoni, evoluzzjoni jew kapovolġiment, din hija sa issa l-aħħar kelma, u tagħti raġun lill-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-ġurisprudenza li segwiet is-sentenza ta' Muscat.

22. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-konvenuti – fejn igħidu illi "ma jaqblux … li għaliex seħħet irregolarità proċedurali fl-istadju tal-interrogazzjoni allura dan awtomatikament għandu jfisser li seħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq" – huwa mistħoqq.

23. Fil-każ tallum ma jista' jkun hemm ebda dell ta' dubju li l-attur kien ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu, kif wara kollox għarfet l-ewwel qorti stess. L-ewwel qorti għarfet ukoll illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali waslu għall-konklużjoni tal-ħtija tal-attur bis-saħħa ta' xiehda oħra barra l-istqarrija tiegħu. Meqjus il-proċess kriminali fl-intier tiegħu, ma jistax jingħad illi l-attur ma ngħatax smigħ xieraq: kellu għarfien tal-provi kollha mressqa kontrih u ma ntweriex li nżamm mistur xi tagħrif li kellha l-pulizija; kellu għajnuna ta' avukat waqt il-proċess quddiem il-qorti; kellu fakoltà jressaq xhieda u jagħmel konto-eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni; instab ħati bis-saħħa ta' xiehda oġġettiva li, ukoll jekk ma tqisx l-ammissjoni tiegħu, rabtitu mal-inċident u ma setgħetx tħalli dubju dwar il-ħtija tiegħu.

24. Għalhekk, ladarba l-attur ingħata smigħ xieraq bil-garanziji kollha li trid il-liġi, ma ġarrab ebda ksur tal-jedd tiegħu taħt l-art 39 tal-Kostituzzjoni jew l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan l-aggravju tal-konvenuti għandu għalhekk jintlaqa'.

25. It-tieni aggravju tal-appell tal-attur u t-tieni aggravju tal-appell tal-konvenuti huma dwar ir-rimedju li tat l-ewwel qorti għall-ksur li sabet tal-jedd tal-attur. Ladarba iżda l-attur ma ġarrab ebda ksur tal-jedd tiegħu ma jixraq li jingħata ebda rimedju, u l-appelli dwar ir-rimedju għalhekk ma jibqgħux relevanti u ma huwiex meħtieġ li nqisuhom aktar.

26. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell tal-attur u tilqa' dak tal-konvenuti. Tirriforma s-sentenza billi tikkonfermaha fejn ma sabitx ksur talli l-attur ma ngħatax kopja tal-*file* tal-pulizija u tħassarha fejn sabet ksur talli ma tħalliex ikellem avukat meta tteħditlu stqarrija mill-pulizija, u fejn tat rimedju għal dan il-ksur.

27. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallashom l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb